MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2014

Numru. 478/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**Joseph Schembri**

**Kumpilazzjoni Nru: 478/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Schembri, ta’ 22 sena, iben Rosario Schembri u Jacqueline Schembri nee’ Magri, imwieled il-Pieta’, nhar it-3 ta’ Novembru, 1991 u residenti fil-fond Orchidea, Triq il-Gudja, Luqa u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 548291(M).

Akkuzat talli:

Nhar it-29 ta’ Marzu, 2014 bejn 11:00hrs u 13:00hrs, ikkommetta serq ta’ karozza ta’ l-ghamla Volkswagen Polo bin-numru ta’ registrazzjoni HBE 098, li l-ammont jeccedi il-233 Euros imma ma jeccediex l-ammont ta’ 2,330 Euros kif ukoll huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta’ Jessica Taliana u/jew persuni ohra;

U aktar talli fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg mobbli jew immobbli tal-familja Taliana li l-ammont huwa ta’ anqas minn Euros 116.47;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor u cioe’ lil Jessica Taliana, biza’ li ser tintuza’ vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta’ taghha;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku u dan bi ksur ta’ artikolu 338(dd) ta’ Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U akkuzat talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi talli kiser il-provedimenti ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija mill Magistrat Dr.A.M Trigona LL.D datata 27 ta’ Novembru, 2012;

U aktar talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati/Appell Kriminali, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-artikoli 49, 50, 251B, 261(c)(g), 267, 271, 325(1)(c) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni aanke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu u min-

naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, il-fatt li diga ghamel hlas biex jaghmel tajjeb ghal hsara minnu kkawzata u anke l-bzonn li ghandu l-imputat ta' ghajnuna biex verament jirriabililta lilu nnifsu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 251B, 261(c)(g), 0,artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 ta'l-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn bil-kundizzjonzijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment; il-Qorti, b'applikazzjoni ta'l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 qed taghzel li ma titrattax ma'l-imputat ghar-reati li dwarhom inghata liberta kundizzjonata.

Il-Qorti spjegat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-ufficcju tal-probation.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------